

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 854/2010

tas-27 ta' Settembru 2010

li jiffissa l-koeffiċjent ta' allokkazzjoni għall-ħruġ ta' liċenzji tal-importazzjoni li għalihom tressqet applikazzjoni mit-8 sal-14 ta' Settembru 2010 għal prodotti taz-zokkor fil-kuntest ta' ċerti kwoti tariffarji u li jissospendi t-tressiq ta' applikazzjonijiet għat-tali liċenzji

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli ("ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS")<sup>(1)</sup>,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006 tal-31 ta' Awwissu 2006 li jistabbilixxi regoli komuni għall-amministrazzjoni ta' kwoti ta' tariffi fuq l-importazzjoni għal prodotti agrikoli ġestiti b'sistema ta' liċenzji ta' importazzjoni<sup>(2)</sup>, u b'mod partikulari l-Artikolu 7(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 891/2009 tal-25 ta' Settembru 2009 li jiftaħ u jamministra ċerti kwoti tariffarji tal-Komunità fis-settur taz-zokkor<sup>(3)</sup>, u b'mod partikulari l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Il-kwantitajiet li jkopru l-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni mressqa lill-awtoritajiet kompetenti mit-8 sal-14 ta' Settembru 2010 skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 891/2009, jaqbżu l-kwantità disponibbli skont is-serje li ġgħib in-numru 09.4320.

- (2) F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi ffissat koeffiċjent tal-allokkazzjoni għal-liċenzji li għandhom jinħarġu fir-rigward tas-serje li ġgħib in-numru 09.4320 skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006. It-tressiq ta' iktar applikazzjonijiet għal-liċenzji għal dak in-numru tas-serje għandu jkun sospiż sa tmiem is-sena tas-suq, skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 891/2009,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

## Artikolu 1

1. Il-kwantitajiet li għalihom tressqu l-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni mit-8 sal-14 ta' Settembru 2010 skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 891/2009 għandhom jiġu mmultiplikati bil-koeffiċjenti tal-allokkazzjoni stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

2. It-tressiq ta' iktar applikazzjonijiet għal-liċenzji, li jikkorrispondu man-numri tas-serje mogħtija fl-Anness, għandu jkun sospiż sa tmiem is-sena tas-suq 2010/11.

## Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ dakinhar li jiġi ppubblikat f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Settembru 2010.

Għall-Kummissjoni,  
fisem il-President,

Jean-Luc DEMARTY

Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

<sup>(1)</sup> ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 238, 1.9.2006, p. 13.

<sup>(3)</sup> ĠU L 254, 26.9.2009, p. 82.

## ANNEX

**“Il-konċessjonijiet taz-zokkor tal-iskeda bin-numru CXL”****Is-sena tas-suq 2010/2011****Applikazzjonijiet li tressqu mit-8.9.2010 sal-14.9.2010**

In-numru tas-serje	Il-pajjiż	Il-koeffiċjent tal-allokkazzjoni (f'perċentwal)	Iktar applikazzjonijiet
09.4317	L-Awstralja	—	
09.4318	Il-Brażil	—	
09.4319	Kuba	—	
09.4320	Kwalunkwe pajjiż terz	5,0039	Sospiżi
09.4321	L-Indja	—	

— Mhux applikabbli: il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda applikazzjoni għal-liċenzja.

**“Iz-zokkor mill-Balkani”****Is-sena tas-suq 2010/2011****Applikazzjonijiet li tressqu mit-8.9.2010 sal-14.9.2010**

In-numru tas-serje	Il-pajjiż	Il-koeffiċjent tal-allokkazzjoni (f'perċentwal)	Iktar applikazzjonijiet
09.4324	L-Albanija	—	
09.4325	Il-Bożnija u Herzegovina	( <sup>1</sup> )	
09.4326	Is-Serbja, il-Montenegro u l-Kosovo (*)	( <sup>1</sup> )	
09.4327	L-eks Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja	—	
09.4328	Il-Kroazja	( <sup>1</sup> )	

— Mhux applikabbli: il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda applikazzjoni għal-liċenzja.

(\*) Il-Kosovo taħt l-awspiċi tan-Nazzjonijiet Uniti, skont ir-Riżoluzzjoni Nru 1244 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti tal-10 ta' Ġunju 1999.

(<sup>1</sup>) Mhux applikabbli: l-applikazzjonijiet ma jaqbżux il-kwantitajiet disponibbli u qed jingħataw kollha.**“Iz-zokkor għall-importazzjoni eċċezzjonali u dak għall-importazzjoni industrijali”****Is-sena tas-suq 2010/2011****Applikazzjonijiet li tressqu mit-8.9.2010 sal-14.9.2010**

In-numru tas-serje	It-tip	Il-koeffiċjent tal-allokkazzjoni (f'perċentwal)	Iktar applikazzjonijiet
09.4380	Eċċezzjonali	—	
09.4390	Industrijali	—	

— Mhux applikabbli: il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda applikazzjoni għal-liċenzja.